# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju, 2017**

**Talba Nru: 99/2016 PM1**

**Impel Communications Co. Ltd**
**(C 36517)**

**Vs**

**Natasha Spiteri Busuttil**
**(ID Nru. 90691(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Marzu, 2016 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet illi l-intimata thallas is-somma ta' elf u mitt euro (€1100) rapprezentanti bilanc ta' prezz pattwit ghal servizz ta' reklamar mis-socjeta` attrici lill-intimata fuq inkarigu tal-istess intimata bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimata datata 6 ta' Gunju, 2016 li, permezz taghha eccepiet li l-ebda ammont ma huwa dovut u dana peress illi s-servizzi ta' reklamar li kellha tipprovdi s-socjeta` rikorrenti ma gewx provduti lilha skont ma ftehmu l-partijiet, li l-partijiet kienu ftehmu dwar pakkett ta' reklamar li s-socjeta` rikorrenti ma rrispettatx u oltre hekk l-intimata diga` hallset €412 u €100 deposit ghas-saldu ta' kull ammont dovut u l-intimata m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' din il-procedura.

Ra l-booking order sottoskritta mill-intimata (fol. 17 et. seq tal-process).

Ra n-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta` attrici li permezz taghha rriduciet it-talba reklamata ghall-ammont ta' €688.

Ra l-affidavit ta' Jean Claude Micallef (fol. 29 tal-process).

Sema' x-xhieda tal-intimata (fol. 31 et. seq tal-process) u n-nota b'dokumenti annessi ezebiti minnha stess u kif ukoll il-kontro-ezami relattiv.

Ra l-affidavit tal-istess intimata (fol. 60 tal-process) b'dokumenti annessi.

Ra li l-kawza tinsab differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza odjerna tirrigwardja talba ghal-hlas ta' somma allegatament dovuta mill-intimata rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal servizz ta' reklamar rez mill-istess socjeta` attrici fuq struzzjonijiet tal-istess intimata. L-intimata, min-naha taghha twiegeb ghal din it-talba billi tikkontendi li tali servizzi ma gewx provduti kif pattwit u li oltre s-somma ta' mitt euro (€100) hi hallset ukoll is-somma addizjonali ta' erba mija u tnax-il euro (€412) ghas-saldu.

Illi in vista tas-surreferit, permezz tan-nota ta' riduzzjoni a fol 21 tal-process, is-socjeta` attrici naqqset it-talba taghha bis-somma msemmija ta' erba' mija u tnax-il euro (u dana peress illi kif jirrizulta wkoll mill-kopja ta' cekk ezebita fil-process a fol. 118 l-intimata kienet hallset is-somma ta' erba mija u tnax-il euro u hamsin centezmi (€412.50)) ghas-somma ta'sitt mija u tmienja u tmenin euro (€688). Effettivament is-somma kellha tigi ridotta ghas-somma ta' sitt mija u sebgha u tmenin euro u hamsin centezmi (€687.50).

Illi huwa car li f'tali rigward l-oneru tal-prova jaqa' fuq min jallega. Is-socjeta` attrici prezentat kopja tal-iskrittura ossija '*booking order*' ffirmata mill-intimata fejn giet patwita s-somma ta' elf u mitejn euro (€1200) neqsin mitt euro (€100) deposit ghal tletin sekonda reklam ghal 26 darba. Skont l-istess skrittura jinsab patwit li "*advert is produced by Natasha and given to Impel*". Jean Claude Micallef permezz tal-affidavit tieghu jghid li "*r-reklami dehru kollha, u Natasha ma hallset l-ebda pagament iehor*."

Illi min-naha taghha l-intimata tikkontendi li "*minn program li kellu jdum minn Ottubru sa Marzu kull ma gew jaghmlu filming kien biss tlett darbiet. Dan kollu suppost kellu jkun parti mill-pakkett li kien miftihem.*" Skont il-korrispondenza ezebita mill-istess intimata gie determinat prezz separat ghall-fiming bir-rata ta' Eur250 mensili ghal sitt xhur (fol 44 et seq tal-process) u permezz ta' din il-procedura s-socjeta` attrici qed tirreklama proprju l-hlas tal-bilanc dovut skont tali skrittura minghajr ebda referenza ghall-'*filming*'. Jista' jkun minnu allura li s-socjeta' attrici naqset fir-rigward tal-'*filming*' li kellu jsir skont dan il-ftehim imma huwa car li l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawza jirrigwardja biss bilanc dovut fir-rigward ta' 26 reklam ta' 30 sekonda kull wiehed u li kellhom jidhru bejn Ottubru 2014 u Marzu 2015. F'dan ir-rigward mill-istess korrispondenza ezebita mill-intimata jirrizulta li hija ghazlet li twaqqaf ir-reklami waqt il-programm 'Elle' fit-2 ta' Jannar, 2015 proprju minhabba d-disgwid li kien inqala' fejn hi dehrilha li ma kenitx qed tircievi s-servizz skont kif pattwit. Hi regghet tenniet dan fis-17 ta' Jannar, 2015.

Illi dan iwassal lit-Tribunal ghall-konvinciment morali li, limitatament fir-rigward tar-reklami, jekk dawn kienu ser jidhru fuq medda ta' hames xhur ukoll, mis-26 reklam li suppost kellhom jidhru kienu lahqu dehru ftit inqas minn nofshom bejn l-ghoxrin t'Ottubru, 2014 (data tal-firma tal-ftehim) u t-tnejn (2) ta' Jannar, 2015 meta l-intimata ghazlet li tittermina l-istess ftehim u tat struzzjonijiet cari biex ir-reklami ma jibqghux jidhru. Dan ifisser illi l-intimata kienet hallset ghal dawn ir-reklami kif fil-fatt tikkontendi hi stess permezz taz-zewg pagament imwettqin minnha - depozitu ta' mitt euro (€100) u somma ohra ta' erba mija u tnax-il euro u hamsin centezmi (€412.50)) ghal total ta' hames mija u tnax-il euro u hamsin centezmi (€512.50) (L-intimata xehdet: "*Nghid li wara li sar dan il-pagament miftiehem ta' four one two fifty (€412.50) huma ma regghux ikkuntatjawni u lanqas ma rrendew servizzi ohrajn ulterjuri.*" fol. 33 tal-process). L-intimata tghid ukoll li hallset somma ohra ghad-DVD tar-reklam li baqa' ma giex mghoddi lilha imma din is-somma ma tistax tigi kkunsidrata peress illi ma tinkwadrax fil-ftehim li ghalih qed jintalab il-hlas tal-bilanc dovut.

Ghaldaqstant huwa car li l-intimata ma tistax tigi kkunsidrata debitrici f'somom ulterjuri fil-konfront tas-socjeta` attrici tenut kont li ma tistax tigi kkundannata thallas ghal reklami li ma dehrux jew li dehru kontra l-volonta` espressa taghha u minkejja li hi tat struzzjonijiet cari li dawn m'ghandhomx jidhru. Fuq kollox is-socjeta` attrici ma ressqet ebda prova li dawn dehru u lanqas ma jidher li kkontestat l-ghazla tal-intimata li ma tibqax tirreklama fil-programm taghhom.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata, jichad it-talba attrici. Spejjez ta' din il-procedura a karigu tal-istess socjeta' attrici.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**